# Lejalta lejn l-Azjenda

**Godfrey Baldacchino**

Naqbel li hemm bzonn inpoggu f'inkwadru lill-haddiem direttur u li l-kodici ghandu jkun gwida biex jghin proprjament biex dan il-kwadru naghmluh. U naqbel li naghmlu kodici, forma ta' gwida u mhux ligi Jigifieri ma nahsibx li ghandna ghalfejn noqghodu nibzghu li se npoggu lil dan id-direttur f'xi sarima jew f'xi korazza tant li ma jkunx jista' jiccaqlaq minnha. Qed naghtuh *guidelines,* li huma *guidelines* fl-istess hin anke ghad-diretturi l-ohra. Jigifieri dawn ghandhom jghinu wkoll fil-progress ta` accettazzjoni tad-direttur elett mill-haddiema. Din il-persuna ghandha din il-funzjoni, ghandha din il-kariga u hija cara l-kariga taghha, m'hemmx ghalfejn noqghodu nduru mal-lewza. Forsi hemm bzonn anke issa la darba wasalna f'din is-sitwazzjoni, l-htiega ta' tahrig specjalizzat. Forsi wasal iz-zmien li c-Centru jorganizza xi *certificate course* ghall-haddiema diretturi biss. Illum ghandna bizzejjed diretturi eletti mill-haddiema biex naghmlu dan il-kors. Qabel kien ikollna biss tlieta jew erbgha. Ikun hemm analizi ta' dinamika ta' gruppi, finanzi, ligi, il-*competition act* u *companies act.* Kif taghmel intervent, diskors pubbliku, kif tibni alleanzi fuq bord. Jekk inti wiehed minn disgha kif tridha tghaddi tieghek? Inti fl-alleanzi trid tkun taf kif wiehed jahseb bhalek. Kif taghmel policy. Il-haddiem direttur forsi jahseb, li dan qieghed hemm biex jisma', biex jirreagixxi. Le, m'intix qieghed

hemm biex tirreagixxi biss. Charlie ressaq argument li huwa sabih imma perikoluz. Charlie qal li d-direttur elett irid ikun lejali lejn min tellghu hemm fil-kuntest ta' min huwa stakeholder. Tajjeb, imma min huma l-stakeholders? Il-komunita mhux hi wkoll stakeholder? Allura l-komunita ghandha dritt tinnomina resident direttur? Il-klijent mhix stakeholder? Allura m'ghandux dritt jinnomina konsumatur direttur? Nahseb hemmhekk ha naqaw f'dik il-problema. Ejjew nevitaw din l-ideja ta' dilemma bejn lealta ta' haga u lealta ta' ohra. Jiena fl-opinjoni tieghi, nerga nghid lealta ghandha tkun cara lejn organizzazzjoni u fid-dawl tal-lealta lejn l-organizzazzjoni. Jien ghalija hekk inpoggiha. Il-Ministru qal "holqa mhux kajjik" li tfisser l-istess haga fl-opinjoni tieghi. Jekk ikun hawn gwida, din tkun dwar xinhi u x'ghandha tkun din il-lealta lejn l-azjenda, kif se tissarraf lealta lejn l-azjenda. Fil-kodici prezenti tad-diretturi tal-bordijiet hemm imnizzel illi lealta lejn l-azjenda tfisser it-twettiq lejn il-funzjonijiet taghha u t-twettiq tal-funzjonijiet taghha jfissru fl-istess kodici, l-efficjenza ekonomika, pero fid-dawl tar-responsabilita socjali.